**23 ta' Jannar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

George Portelli

*versus*

Nicola Galea

**Serviġi — Likwidazzjoni — Diskrezzjoni tal-Qorti — Preskrizzjoni — Art. 2253(a) u 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, arġentieri, ħaddieda, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opra jew tax-xogħol tagħhom, jew tal-materjal li jfornu, ma hix applikabbli għall-azzjoni li biha jintalbu l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' serviġi. Għax talba simili ma hix għall-ħlas tal-prezz konvenut għal xi biċċa xogħol determinata li min jitlob dan il-ħlas ikun ikkuntratta li għandu jagħmel mal-persuna li għandha tagħmel dak il-ħlas, iżda għall-kumpens likwidabbli, mill-Qorti, għal serviġi u prestazzjonijiet varji reżi f'okkażjonijiet diversi matul ċertu perijodu; u għe dejjem ritenut li l-preskrizzjoni applikabbli għal din l-azzjoni hija dik ta' ħames snin.*

*Dwar ix-xorta tas-serviġi reżi, dwar il-"quantum" dovut għal dawn is-serviġi, u dwar il-miżura li fiha dak il-kumpens għandu jitqies kompensat ma' dak li min irċieva s-serviġi*

*jkun ta lil min irrendihomlu, meta l-Ewwel Qorti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kellha bil-fors tuża l-arbitriju tagħha "boni viri", il-Qorti tal-Appell, skond prattika kostanti, ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, jekk mhux meta tkun manifestament żbaljata, jew għal raġunijiet gravi. Jekk ma tirrikorrix xi waħda minn dawn ir-raġunijiet, id-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti tibqa' inalterata, jekk is-sentenza kontenenti dik id-diskrezzjoni tiġi appellata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' George Portelli kontra Nicola Galea quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Ġurisdizzjoni Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha talab illi, billi l-instanti rrenda lill-konvenut diversi assistenzi u xogħolijiet għall-kors ta' ċirka tmien snin li spiċċaw xi sena ilu, konsistenti dawn il-prestazzjonijiet f'xogħolijiet agrikoli. ġarr ta' prodotti, għajnuna fil-bini ta' ħitan, u xogħolijiet oħra li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża; wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, u wara li tingħata speċjalment id-dikjarazzjoni illi l-instanti, għall-kors tal-aħħar ħames snin li spiċċaw fil-31 ta' Ottubru 1951, ippresta lill-konvenut assistenzi u xogħolijiet, jgħid il-konvenut għaliex ma għandux jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur somma ta' flus li tiġi likwidata minn din il-Qorti, jekk ikun hemm bżonn per mezz ta' perit, bħala ħlas u kumpens tal-prestazzjonijiet li l-instanti rrenda lill-konvenut għall-perijodu fuq imsemmi ta' ħames snin. Bl-imgħax legali fuq is-somma li tiġi kanonizzata. dekorribbli mill-ġurnata li tiġi ndikata fis-sentenza; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 1951; u bl-inġunzjoni lill-konvenut ħalli jidher personalment għassubizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa li mhux veru dak li allega l-attur, li huwa rrenda assistenzi u xogħolijiet lill-istess konvenut; u jekk irrenda xi serviġi, ta' dawn ġie ampjament kompensat. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis:*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li

biha oppona għad-domandi tal-attur il-preskrizzjoni kwinkwennali, jew kwalunkwe oħra applikabbli skond il-liġi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Ġunju 1955, li biha ddeċidiet billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali dwar il-prestazzjonijiet mogħtija mill-attur lill-konvenut għall-perijodu qabel it-30 ta' Ottubru 1946, u ċaħdet l-istess eċċezzjoni in kwantu għall-prestazzjonijiet mogħtija wara dik id-data tat-30 ta' Ottubru 1946; iddikjarat li l-attur ippresta lill-konvenut assistenzi u xogħolijiet għall-perijodu ta' erbgħa snin u erbgħa xhur u nofs, u ċjoè mit-30 ta' Ottubru 1946 sal-15 ta' Marzu 1951; u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħames liri (£105) bħala ħlas u kumpens tal-prestazzjonijiet lilu reżi mill-attur għall-perijodu fuq imsemmi, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza; u ċaħdet l-istess talba in kwantu tirrigwarda s-serviġi pretiżi reżi bejn il-15 ta' Marzu 1951 u l-31 ta' Ottubru 1951. L-ispejjeż kollha jitħallsu sebgħa parti minn tmienja (7/8) mill-konvenut, u waħda minn tmienja (1/8) mill-attur; wara li dik il-Qorti rriflettiet:

F'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob minn għand il-konvenut il-ħlas tal-prestazzjonijiet li hu rrendielu għall-perijodu ta' ħames snin. L-attur jippretendi li hu serva u assista lill-konvenut għal ċirka sebgħa jew tmien snin li spiċċaw f'Marzu 1951. U x-xogħolijiet li hu kien jagħmel jikkonsistu filli xi darba jagħżaq id-dwieli tar-raba' "tal-Bajjada", iġorr l-ilma, u jsaqqi d-dwieli, l-patata, tadam u kromb u tuffieħ ta' belludja f'dan l-istess raba'. Hu kien jgħin fil-qtugħ u użin tal-għeneb...... Kien jgħin fil-ġarr tal-prodotti...... Inoltre, l-attur jippretendi li hu kien jgħin fil-bini ta' żewġ kmamar fir-raba' "tal-Bajjada", billi kien iġorr il-ġebel...... u kien iħammel id-demel tal-annimali (depożizzjoni attur fol. 49 u 78);

Il-konvenut, minn naħa l-oħra, isostni li l-attur ġie li għenu f'xi xogħol, però hu jippretendi li ħallsu; u inoltre oppona l-preskrizzjoni kwinkwennali;

Illi dwar il-punt jekk l-attur ħaqqux ħlas tal-prestazzjonijiet minnu magħmula, din il-Qorti tagħmel tagħha l-konklużjonijiet li għalihom wasal il-perit legali;

L-ewwel punt li għandu jiġi stabbilit huwa l-perijodu taż-żmien li fih l-attur irrenda dawn is-serviġi. Fiċ-ċitazzjoni, li kienet ġiet preżentata fit-3 ta' Novembru 1952, l-attur qal li hu ppresta serviġi "għal ċirka tmien snin li spiċċaw xi sena ilu", u ċjoè għall-ħabta ta' Novembru 1951, u hu talab il-ħlas għall-prestazzjonijiet tal-aħħar ħames snin. Irriżulta wkoll li qabel iċ-ċitazzjoni l-attur interpella l-konvenut għall-ħlas bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 1951. Fid-depożizzjoni minnu mogħtija quddiem il-perit legali fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1953, qal li s-serviġi spiċċaw "xi sentejn ilu", u ċjoè għall-ħabta ta' nofs Marzu 1951. Minn dan wieħed jifhem li l-indikazzjoni taż-żmien mogħtija fiċ-ċitazzjoni mhix eżatta. u li s-serviġi spiċċaw f'nofs Marzu 1951. Għalhekk jiġi li l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas tas-serviġi mogħtija bejn il-15 ta' Marzu 1946 u l-15 ta' Marzu 1951;

Issa, l-attur beda l-proċeduri kontra l-konvenut bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 1951. Ma jirriżultax li qabel din l-ittra uffiċjali l-attur ħa xi passi legali oħra kontra l-konvenut, jew li dan irrikonoxxa b'xi mod dan id-dejn tiegħu. Għalhekk, ladarba l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, għalhekk is-serviġi reżi lill-attur qabel it-30 ta' Ottubru 1946, u ċjoè dawk bejn il-15 ta' Marzu 1946 u t-30 ta' Ottubru 1946, huma preskritti; għax huwa magħruf li l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi t-talba għall-ħlas tas-serviġi;

Illi għalhekk l-attur għandu jitħallas tal-prestazzjonijiet mogħtija bejn it-30 ta' Ottubru 1946 u l-15 ta' Marzu 1951, u ċjoè għall-kors ta' erbgħa snin u erbgħa xhur u nofs;

L-attur fid-depożizzjoni tiegħu qal li hu jikkalkola li komplessivament hu kien iservi lill-konvenut għal tmien tijiem fix-xahar...... Għalhekk, meta tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, il-Qorti jidhrilha li tmien tijiem

fix-xahar huma eżaġerati, u sejra tiffissa bħala ż-żmien li fih l-attur kien jagħmel xogħol lill-konvenut bħala ħames tijiem fix-xahar. Dan, *naturalment, bħala kalkolu;* *għax* forsi kien ikun hemm xhur li fihom l-attur kien jaħdem iżjed, imma minn naħa l-oħra, mbgħad, kien ikun hemm xhur li fihom ix-xogħol kien ikun anqas;

Il-perit legali ffissa, bħala kumpens li ħaqqu l-attur, tax-xogħol minnu magħmul, ir-rata ta' sitt xelini (6s.) kull-jum...... Però, huwa magħruf, u dan jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni tal-espert Francesco Masini, fi fiż-żmien in kwistjoni l-ġurnata xogħol fir-raba' kienet titħallas bin-nofs lira, u l-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta din ir-rata. Il-fatt li x-xogħol kien intermittenti mhix ra-ġuni għaliex għandha tiġi mnaqqsa r-rata tal-ħlas; u l-fatt li l-perijodu ta' żmien kien twil ma għandu jagħmel ebda differenza fir-rata tal-ħlas;

Illi għalhekk, tal-prestazzjonijiet magħmula mill-attur bejn it-30 ta' Ottubru 1946 sal-15 ta' Marzu 1951, bil-kal-kolu ta' ħames tijiem fix-xahar bin-nofs lira l-ġurnata, jiġi *li* l-attur ħaqqu ħlas ta' £131.5.0;

Illi, kif sewwa qal il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu, hu xieraq illi fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut jiġu me-ħudin inkonsiderazzjoni dawk l-affarijiet li l-konvenut ta lill-attur matul iż-żmien in kwistjoni. Issa, li l-attur kien jirċievi xi affarijiet, bħal ħxejjex u nbid, minn għand il-konvenut, hi ħaġa ċerta u pruvata, għalkemm forsi mhux f'dik l-entità li l-konvenut ippretenda; u mhux materjal-ment possibbli li ssir il-valutazzjoni ta' dawn l-affarijiet mogħtija *lill-attur mill-konvenut;* u għalhekk din il-Qorti sejra tadotta l-espedjent suġġerit mill-perit legali u tiffissa l-valur ta' dawn l-oġġetti fil-kwinta parti tal-ammont lik-widat lill-attur, ċjoè fis-somma ta' £26.5.0. U għalhekk l-attur jibqagħlu jieħu minn għand il-konvenut il-bilanċ ta' £105;

Rat in-nota tal-appell li biha l-konvenut Nicola Galea appella minn dik is-sentenza lil din il-Qorti, u rat il-petiz-zjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata,

billi jiġu miċħuda t-talbiet miġjubin fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta tal-attur appellat, li wieġeb illi s-sentenza appellata, ħlief għal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż, li hemm appell minnu, hija ġusta u fondata, u tisthoqq konferma;

Ikkonstatat illi l-appell li kien ġie magħmul quddiem il-Qorti ta' Għawdex kostitwita fit-Tieni Istanza mill-appellat Portelli bil-petizzjoni tiegħu fol. 39 ġie minnu ċedut bin-nota fol. 125, u għalhekk ma baqgħax ħlief l-appell magħmul mill-konvenut lil din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Bin-nota fol. 128 il-konvenut appellant issolleva kontra t-talba tal-attur il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar skond l-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili. Għad illi l-appellant ma ndikax (kif kien imissu) il-paragrafu partikulari ta' dak l-artikolu li jikkontempla l-preskrizzjoni opposta minnu, jidher ċar illi hu kellu f'moħħu l-paragrafu (a), li jolqot bil-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar "l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapan, mastrutaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħolijiet tagħhom, jew tal-materjali li jfornu";

Issa, it-talba tal-attur ma hix għall-ħlas tal-prezz konvenut għal xi biċċa xogħol determinata li l-konvenut ikkuntratta mal-attur, iżda għall-kumpens likwidabbli mill-Qorti għal serviġi u prestazzjonijiet varji li l-attur jgħid li rrenda lill-konvenut f'okkażjonijiet diversi matul perijodu ta' żmien. U ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna illi, għall-kreditu ta' din ix-xorta, rigwardanti serviġi u prestazzjonijiet avventizji u mhux konvenuti, il-preskrizzjoni applikabbli mhix dik proposta mill-konvenut, iżda dik ta' ħames snin li tirrigwarda l-krediti mhux speċifikati kontemplati fil-paragrafu (f) tal-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23). Ara, fost oħrajn, Kollez. XXIV-I-1; XXV-I-261; XXXII-II-342; XXXIII-I-285; XXXVIII-I-207);

Ġa ladarba l-preskrizzjoni eċċepita issa mill-appellant mhix applikabbli, ma hemmx bżonn li tiġi eżaminata l-kontro-eċċezzjoni opposta mill-appellat, ċjoè illi l-atteġġjament tal-konvenut, li qiegħed jippretendi fil-meritu illi l-kreditu tal-attur hu, se maj, kompensat jew imħallas bil-prestazzjonijiet li l-istess konvenut għamel favur l-attur, jimporta rinunzja taċita għall-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Fil-meritu; l-aggravju tal-appellant kontra s-sentenza appellata huwa li "l-entità tax-xogħol tal-attur kienet wisq żgħira, u kienet kompensata biżżejjed b'dak li hu taħ". L-appellant, la fil-petizzjoni u lanqas fit-trattazzjoni orali tal-appell, ma kkontestax illi xi xogħol u serviġi l-attur għamillu, u lanqas jikkontesta illi dawk is-serviġi kienu retribwibbli. Del resto, kull kontestazzjoni bħal din tal-aħħar kienet tkun kontraddetta mix-xhieda tal-konvenut innifsu, meta hu qal (fol. 72 tergo) li hu kien jagħti lill-attur l-affarijiet li kien semma fix-xhieda tiegħu ta' qabel "bi ħlas";

Dwar ix-xorta u l-entità tas-serviġi prestati mill-attur lill-konvenut, dwar il-"quantum" tal-kumpens dovut lill-attur għal dawk is-serviġi, u dwar il-miżura li fiha dak il-kumpens għandu jitqies kompensat minn dak li l-konvenut ta lill-attur, l-Ewwel Qorti kellha bilfors, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tuża l-arbitriju diskrezzjonali tagħha;

Issa, hija prattika kostanti ta' din il-Qorti illi ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ħlief jekk tkun manifestament żbaljata, jew fi kliem ieħor, għal raġunijiet gravi. Fil-każ preżenti, din il-Qorti ma ssibx li hemm dawn ir-raġunijiet biex tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti "arbitrio boni viri". Mill-kumpless kollu tal-provi jidher illi x-xogħolijiet li l-attur għamel għall-konvenut f'tul ta' aktar minn erbgħa snin kienu apprezzabbli sewwa, u li l-prestazzjonijiet li l-konvenut ta bħala ħlas lill-attur kienu inadegwati. Is-somma li l-Ewwel Qorti sabet in konklużjoni li għadha dovuta lill-attur bħala bilanċ ta' kumpens, li tekwivali għal żewġ liri fix-xahar

bejn wieħed u ieħor, ma tidherx fiċ-ċirkustanzi tal-każ eżaġerata;

Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċidi billi:—

1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar, opposta mill-appellant f'din l-istanza;

2. Tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.